**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 22 ta' Frar, 2021**

**Talba Nru: 210/2020 PM**

**Farsons Beverage Imports Company Limited (C 476)**

**Vs**

**N. P. N. Services Limited (C46505)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-11 ta'Settembru, 2020 illi permezz tieghu is-socjeta` attrici talbet li dan it-Tribunal jiddikjara u jiddeciedi li s-socjeta` intimata hija debtrici tal-attrici fis-somma ta' elf, sitt mija u sbatax-il euro u disgha u erbghin centezmi (€1617.49) rapprezentanti prezz ta' merca li giet mibjugha u kkonsenjata lis-socjeta` konvenuta, liema somma baqghet qatt ma giet imhallsa, bl-ispejjez u drittijiet u bl-imghaxijiet legali sa mid-data tal-prezentata tal-prezenti rikors kif ukoll b'rizerva ghal kwalsiasi ammont ulterjuri li talvolta jista'jkun dovut lis-socjeta` attrici.

Ra d-dokumenti annessi mal-avviz a sostenn tat-talba, senjatament, l-i*statement* immarkat Dok. A a fol. 2 tal-process.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta` konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deher hadd ghaliha ghas-seduta tad-29 ta' Jannar, 2021 u ghas-seduta tal-lum.

Sema’ x-xhieda tar-rapprezentanti tas-socjeta` attrici li, in succint, ikkonfermat l-ammont mitlub permezz ta’ din il-kawza bhala wiehed dovut mis-socjeta` konvenuta.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Illi s-socjeta` konvenuta ghazlet li la tattendi ghas-seduti u lanqas ma tressaq r-risposta taghha ghat-talba u kwindi a tenur tal-art. 13(b) tal-**Att dwar Tribunal ghal Talbiet Zghar**, it-Tribunal jista’ jghaddi ghad-decizjoni abbazi tal-provi migbura.

Illi l-ammont mitlub jirrizulta dovut skont ix-xhieda bil-gurament tar-rapprezentanti tas-socjeta` attrici liema xhieda baqghet qatt ma giet kontestata. Jirrizulta wkoll li l-ammont dovut jirrapprezenta prezz ta’ diversi konsenji ta’ merca mis-socjeta` attrici lill-konvenuta li hija socjeta` kummercjali. Konsegwentement it-Tribunal ser jghaddi sabiex jilqa’ t-talba attrici kif dedotta bl-ispejjez u bl-imghaxijiet, kif mitlub u a tenur tal-art. 1141 tal-**Kodici Civili**, mid-dati tal-prezentata tal-avviz kontra l-istess socjeta` konvenuta.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa’ it-talba u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta`attrici is-somma mitluba ta’ elf, sitt mija u sbatax-il euro u disgha u erbghin centezmi (€1617.49) rapprezentanti prezz ta’merca mibjugha u kkonsenjata lis-socjeta` konvenuta, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kif mitlub u a tenur tal-art. 1141 tal-Kodici Civili, mid-data tal-prezentata tal-avviz sal-hlas effettiv kontra l-istess socjeta` konvenuta.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**